

## DEĊIŻJONI TA' L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA

Nru 226/06/COL

tad-19 ta' Lulju 2006

dwar il-mappa ta' żoni meġhuna u l-livelli ta' l-ġhajnuna (In-Norveġja)

L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA <sup>(1)</sup>,

## 2. Sfond

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

B'ittra tas-6 ta' April 2006 mill-Awtorità lill-Missjoni Norveġiża għall-Unjoni Ewropea (Avveniment Nru: 369211), l-awtoritajiet Norveġiżi ġew informati li l-Awtorità kienet adottat Linji Gwida ġodda dwar l-ġhajnuna nazzjonali reġjonali għall-2007 – 2013 fil-forma ta' Kapitolu ġdid 25.B tal-Linji Gwida dwar l-Ġhajnuna mill-Istat.

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja <sup>(3)</sup> partikolarment l-Artikolu 24 tiegħu,

Barra minn dan, l-Awtorità pproponiet, taħt l-Artikolu 1(1) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, li l-awtoritajiet Norveġiżi jaċċettaw il-miżuri xierqa stabbiliti fil-Kapitolu 25.B.8 tal-Linji Gwida dwar l-Ġhajnuna mill-Istat <sup>(?)</sup>.

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 1(3) fil-Parti I u l-Artikolu 4(3) fil-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti,

B'ittra ta' l-10 ta' Mejju 2006 mill-Missjoni tan-Norveġja għall-Unjoni Ewropea, riċevuta u rreġistrata mill-Awtorità fil-11 ta' Mejju 2006 (Avveniment Nru: 373737), l-awtoritajiet Norveġiżi aċċettaw il-miżuri xierqa proposti.

Wara li kkunsidrat il-Linji Gwida <sup>(4)</sup> dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE, u partikolarment il-Kapitolu 25.B dwar "Ġhajnuna Reġjonali Nazzjonali 2007 – 2013" tiegħu,

Billi:

Il-Kapitolu ġdid 25.B tal-Linji Gwida dwar l-Ġhajnuna mill-Istat jistabbilixxi li l-ġhajnuna ta' investiment nazzjonali tista' tingħata għal aktar żvilupp ekonomiku ta' ċerti reġjuni żvan-tagġjati. Biex l-Istati ta' l-EFTA jkunu jistgħu jagħtu din l-ġhajnuna, għandha tiġi nnotifikata u approvata mappa taż-żoni meġhuna mill-Awtorità.

## I. IL-FATTI

## 1. Il-Proċedura

B'ittra tat-12 ta' Ġunju 2006 mill-Ministeru Rjali ta' l-Amministrazzjoni tal-Gvern u r-Riforma, riċevuta u rreġistrata mill-Awtorità fit-12 ta' Ġunju 2006 (Avveniment Nru: 377954), l-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw, skond l-Artikolu 1(3) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, mappa għdida ta' żoni meġhuna u livelli ta' ġhajnuna fin-Norveġja li għandhom ikunu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Reġjuni b'densità baxxa tal-popolazzjoni, iddefiniti mill-bidu bħala NUTS livell III <sup>(6)</sup>, ir-reġjuni b'inqas minn 12.5 abitanti għal kull kilometru kwadru, għandhom jikkwalifikaw biex ikunu inklużi fil-mappa. Madankollu, hija prevista ċerta flessibilità fid-definizzjoni taż-żoni meġhuna. Partijiet mir-reġjuni NUTS livell III jistgħu jikkwalifikaw ukoll jekk dawn il-partijiet ikollhom densità baxxa ta' popolazzjoni, jekk il-popolazzjoni ġenerali fiż-żoni meġhuna ma tiżdiedx b'riżultat ta' dan, u jekk dawn iż-żoni mhumiex kontigwi mar-reġjuni NUTS livell III li jissodisfaw it-test tad-densità baxxa tal-popolazzjoni.

<sup>(1)</sup> Minn hawn 'il quddiem l-Awtorità.

<sup>(2)</sup> Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim taż-ŻEE

<sup>(3)</sup> Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim dwar il-Sorveljanza u l-Qorti.

<sup>(4)</sup> Linji Gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 mal-Ftehim tas-Sorveljanza u l-Qorti, adottati u maħruġa mill-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati fil-ĠU 1994 L 231, is-Supplimenti taż-ŻEE 3.9.1994 Nru 32. Id-Direttivi ġew emendati l-aħħar fid-9 ta' April 2006. Minn issa il quddiem imsejħin "Linji Gwida dwar l-Ġhajnuna mill-Istat" Il-Linji Gwida dwar l-Ġhajnuna mill-Istat huma disponibbli fuq: <http://www.eftasurv.int/fieldsOfWork/fieldstateaid/guidelines/>

<sup>(5)</sup> Paragrafu (92).

<sup>(6)</sup> Kif definiti fi "Reġjuni statistiċi fil-pajjiżi ta' l-EFTA u fil-pajjiżi kandidati", edizzjoni 2001 mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej.

### 3. Deskrizzjoni tal-mappa proposta

#### 3.1. Metodoloġija u kopertura: unitajiet ġeografiċi

Fin-Norveġja, ir-reġjuni NUTS livell III jikkorrispondu għal provinċji u NUTS livell V għal muniċipalitajiet. Bħalissa n-Norveġja għandha 19-il provinċja u 431 muniċipalità (7).

In-Norveġja għandha disa' reġjuni NUTS livell III b'inqas minn 12.5 abitanti għal kull kilometru kwadru. Dawn huma l-provinċji li ġejjin: Finnmark, Troms, Nordland, Nord-Trøndelag, Sogn og Fjordane, Hedmark, Oppland, Telemark u Aust-Agder.

L-erba' reġjuni sħaħ NUTS livell III Finnmark, Troms, Nordland u Sogn og Fjordane huma proposti bħala eliġibbli għall-għaj-nuna reġjonali nazzjonali.

Ċerti partijiet biss mill-ħames provinċji l-oħra b'densità baxxa ta' popolazzjoni (Nord-Trøndelag, Hedmark, Oppland, Telemark u Aust-Agder) huma proposti biex jiġu inklużi fil-mappa.

L-awtoritajiet Norveġiżi jikkunsidraw li mappa ta' għaj-nuna reġjonali bbażata strettament fuq NUTS livell III ma tkunx tirrifletti s-sitwazzjoni reali fin-Norveġja rigward l-isfidi reġjonali relatati ma' densità baxxa tal-popolazzjoni, il-kondizzjonijiet klimatiċi u l-iżvantaġġi ekonomiċi. L-awtoritajiet Norveġiżi għal-hekk ipproponew, fuq il-bażi tar-regoli ta' flessibilità, li jeskludu mill-ħames provinċji b'densità baxxa ta' popolazzjoni ċerti żoni li mhumiex ikkunsidrati li għandhom bżonn għaj-nuna reġjonali u biex jinkludu "żoni NUTS III" li jilhqg t-test tad-densità baxxa tal-popolazzjoni freġjuni NUTS III kontigwi b'densità tal-popolazzjoni iktar għolja. Dan jippermetti lill-awtoritajiet Norveġiżi li jeskludu muniċipalitajiet "b'saħħithom" fi provinċji li jissodisfaw id-densità baxxa ta' popolazzjoni u biex jiġu inklużi muniċipalitajiet "dgħajfa" fil-provinċji li ma jissodisfawx dan il-kriterju.

Żoni fi provinċji b'densità baxxa tal-popolazzjoni esklużi mill-mappa ta' għaj-nuna reġjonali

Tabella 1 hawn taħt turi ż-żoni li l-awtoritajiet Norveġiżi eskcludew mir-reġjuni NUTS livell III li jissodisfaw it-test tad-densità baxxa tal-popolazzjoni.

(7) Id-data dwar il-popolazzjoni minn issa 'l quddiem hija dik ta' l-1 ta' Jannar 2005.

Tabella 1

Provinċja	Muniċipalitajiet
Nord-Trøndelag	Stjørdal, Levanger
Aust-Agder	Iveland, Birkenes, Froland, Lillesand, Arendal, Grimstad
Telemark	Bamble, Siljan, Skien, Porsgrunn
Oppland	Gran, Lunner, Jevnaker, Vestre Toten, Østre Toten, Gjøvik, Lillehammer, Øyer
Hedmark	Elverum, Sør-Odal, Nord-Odal, Stange, Løten, Ringsaker, Hamar

Iż-żoni esklużi għandhom popolazzjoni totali ta' 445 006 abitanti.

Żoni fi provinċji b'densità għolja tal-popolazzjoni inklużi fil-mappa ta' għaj-nuna reġjonali

Tabella 2 hawn taħt turi ż-żoni fi provinċji b'iktar minn 12.5 abitanti għal kull kilometru kwadru li l-awtoritajiet Norveġiżi inkludew fil-mappa ta' għaj-nuna reġjonali fuq il-bażi tar-regoli ta' flessibilità.

Tabella 2

Provinċja	Muniċipalitajiet
Sør-Trøndelag	Tydal, Selbu, Midtre Gauldal, Holtålen, Røros, Meldal, Rennebu, Oppdal, Osen, Roan, Åfjord, Bjugn, Rissa, Agdenes, Ørland, Frøya, Hitra, Snillfjord, Hemne
Møre og Romsdal	Aure, Smøla, Halså, Rindal, Surnadal, Sunndal, Tingvoll, Gjemnes, Averøy, Eide, Aukra, Sandøy, Midsund, Nettet, Rauma, Vestnes, Haram, Stordal, Stranda, Norddal, Ørsta, Volda, Herøy, Sande, Vanylven, Kristiansund, Frei
Hordaland	Masfjorden, Fedje, Modalen, Vaksdal, Austevoll, Samnanger, Kvam, Voss, Granvin, Ulvik, Eidfjord, Ullensvang, Odda, Jondal, Kvinnherad, Tysnes, Fitjar, Etne
Rogaland	Vindafjord, Utsira, Kvitsøy, Finnøy, Sauda, Suldal, Hjelmeland, Lund, Sokndal
Vest-Agder	Sirdal, Kvinesdal, Hægebostad, Audnedal, Åseral, Marnardal, Flekkefjord, Farsund
Buskerud	Nore og Uvdal, Rollag, Flesberg, Krødsherad, Sigdal, Hol, Ål, Hemsedal, Gol, Nes, Flå
Østfold	Rømskog, Marker, Aremark

Iż-żoni inklużi għandhom popolazzjoni totali ta' 374 739 abitant u medja ta' densità tal-popolazzjoni ta' 5.8 abitanti għal kull kilometru kwadru.

Tabella 3 tindika l-popolazzjoni u d-densità tal-popolazzjoni fir-reġjuni NUTS livell III kollha / żoni NUTS III proposti eliġibbli għall-għaj-nuna reġjonali.

Tabella 3

Reġjuni Nuts Livell III/ Żoni Nuts Livell III	Popolazzjoni 2005	Densità tal-Popolazzjoni (/km <sup>2</sup> )
Østfold (*)	5 331	6,0
Hedmark (°)	71 875	3,2
Oppland (°)	70 611	3,3
Buskerud (*)	32 291	3,1
Telemark (°)	65 680	4,7
Aust-Agder (°)	25 826	3,8
Vest-Agder (*)	31 942	6,0
Rogaland (*)	29 510	6,2
Hordaland (*)	73 630	5,9
Sogn og Fjordane (°)	107 032	5,7
Møre og Romsdal (*)	132 586	9,9
Sør-Trøndelag (*)	68 480	4,1
Nord-Trøndelag (°)	90 881	4,4
Nordland (°)	236 825	6,2
Troms (°)	152 741	5,9
Finnmark (°)	73 074	1,5
Total	1 268 515	4,5

(\*) Iż-żoni NUTS livell III proposti eliġibbli bl-applikazzjoni tar-regoli ta' flessibilità (ara t-tabella 2 fuq).

(°) Il-provinċji b'densità baxxa tal-popolazzjoni mhumiex innotifikati kollha. I-ċifri jirrappreżentaw il-partijiet innotifikati.

(°) Il-provinċji b'densità baxxa tal-popolazzjoni nnotifikati kollha.

B'kollox, 286 municipalitá huma proposti eliġibbli għall-għajnuna reġjonali nazzjonali, li jirrappreżentaw 1 268 515-il abitanti fl-1 ta' Jannar 2005 u li jikkorrispondu għal 27.5 % tal-popolazzjoni Norveġiża.

### 3.2 Limiti ta' l-għajnuna

L-awtoritajiet Norveġiżi qed jipproponu li ż-żoni kollha inklużi fil-mappa għandhom jibbenefikaw mill-intensitajiet massimi ta' l-għajnuna.

Tabella 4 turi l-intensitajiet ta' l-għajnuna nnotifikati.

Tabella 4

Żona ġeografika	Limitu ġenerali ta' l-għajnuna (GGE) (*)	Żieda għall-Impriżi ta' daqs medju (**) (GGE)	Żieda għall-impriżi żgħar (GGE) Iż-żoni kollha eliġibbli (***)
Iż-żoni kollha eliġibbli	15 %	10 %	20 %

(\*) ekwivalenza grossa ta' l-għajnuna (Gross Grant Equivalent)

(\*\*) Anness 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 364/2004 tal-25 ta' Frar 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001, ĠU L 63, 28.2.2004, p. 22 inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE permezz ta' l-Anness XV punt 1f) bid-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 131/2004 tal-24.9.2004 (ĠU L 64, 10.3.2005, p. 67 u s-suppliment taż-ŻEE Nru 12, p. 42), jev kwalunkwe Regolament sussegwenti.

(\*\*\*) Ara n-nota fqiegħ il-paġna 7.

## II. APPREZZAMENT

### 1. Formalitajiet ta' notifika

Il-Kapitolu 25.B.7 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat (°) jiddikkjara li "r-reġjuni ta' Stat EFTA eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali taħt id-derogi u l-limiti fuq l-intensità ta' l-għajnuna għal investiment inizjali approvat għal kull reġjun flimkien jiffurmaw mappa reġjonali ta' għajnuna ta' Stat EFTA".

L-istabbiliment tal-mappa nnifisha ma tinvolvi ebda għajnuna diretta fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. Madankollu, l-awtorizzazzjoni tal-mappa tistabbilixxi, flimkien mal-linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali, il-qafas għall-għoti ta' l-għajnuna taħt l-iskemi ta' għajnuna reġjonali.

Billi aċċetta l-miżuri xierqa, il-Gvern Norveġiż aċċetta li jinnotifika, skond l-Artikolu 1(3) f'Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, mappa reġjonali ta' għajnuna unika (°). In-notifika ddatata t-12 ta' Ġunju 2006 (Avveniment Nru: 377954) tikkostitwixxi notifika sħiħa. L-awtoritajiet Norveġiżi ssodisfaw l-obbligi tagħhom skond l-aċċettazzjoni tal-miżuri xierqa u l-Artikolu 1(3) f'Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ta' Sorveljanza u l-Qorti. B'konsegwenza ta' dan, skond il-Kapitolu 25.B.7 (86), l-Awtoritá għandha tivvaluta n-notifika skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 1(3) f'Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

L-eżami tan-notifika ta' l-Awtoritá huwa bbażat fuq il-kriterji stipulati fil-Kapitolu 25.B.3-4 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat.

### 2. Applikazzjoni tar-Regoli ta' l-Għajnuna mill-Istat rilevanti

#### 2.1. Metodoloġija u kopertura

Skond il-Kapitolu 25.B.3.3.2 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat, l-awtoritajiet Norveġiżi pproponew metodu bbażat fuq żewġ unitajiet ġeografiċi sabiex jistabbilixxu r-reġjuni li jikkwalifikaw għal eżenzjonijiet taħt l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE.

Il-provinċji ta' Finnmark, Troms, Nordland u Sogn og Fjordane (provinċji b'densità baxxa tal-popolazzjoni nnotifikati fit-totalità tagħhom)

L-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw il-provinċji ta' Finnmark, Troms, Nordland u Sogn og Fjordane fuq il-bażi tal-Kapitolu 25.B.3.3.2 (22) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat li jiddikkjara:

"L-awtoritá tikkunsidra li dawn ir-reġjuni jistgħu jkunu eliġibbli għall-għażla mill-Istati ta' l-EFTA kkonċernati għall-għoti ta' għajnuna ta' investiment reġjonali skond id-deroga taħt l-Artikolu 61(3)(c):

(°) Paragrafu (81).

(°) Paragrafu (85).

- (a) id-densità baxxa tal-popolazzjoni; tali żoni huma magħmula essenzjalment minn reġjuni ġeografiċi NUTS II b'densità tal-popolazzjoni ta' inqas minn 8 abitant għal kull kilometru kwadru jew reġjuni ġeografiċi NUTS III fir-rigward tan-Norveġja (...) b'densità tal-popolazzjoni ta' inqas minn 12.5 abitanit għal kull kilometru kwadru”.

Finnmark għandha densità tal-popolazzjoni ta' 1.5 abitant kull km<sup>2</sup> (popolazzjoni totali ta' 73 074 abitant). Troms għandha densità tal-popolazzjoni ta' 5.9 abitant kull km<sup>2</sup> (popolazzjoni totali ta' 152 741 abitant). Nordland għandha densità tal-popolazzjoni ta' 6.2 abitant kull km<sup>2</sup> (popolazzjoni totali ta' 236 825 abitant). Sogn og Fjordane għandha densità tal-popolazzjoni ta' 5.7 abitant kull km<sup>2</sup> (popolazzjoni totali ta' 107 032 abitant).

Għalhekk l-Awtorità ssib li din il-parti tal-proposta tilħaq il-kriterji tal-Kapitolu 25.B.3.3.2.

#### Iż-żoni nnotifikati l-oħra

Il-paragrafu (22)(a) tal-Kapitolu 25.B.3.3.2 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat ikompli:

“Madankollu, hija mogħtija ċerta flessibilità fl-għażla ta' dawn iż-żoni, suġġetti għal-limiti li ġejjin:

- il-flessibilità fl-għażla taż-żoni m'għandhiex tfisser żieda fil-popolazzjoni koperta;
- il-partijiet NUTS III li jikkwalifikaw għall-flessibilità għandu jkollhom densità tal-popolazzjoni ta' inqas minn 12.5 abitant għal kull kilometru kwadru;
- għandhom ikunu kontigwi mar-reġjuni NUTS III li jissodisfaw it-test ta' densità baxxa tal-popolazzjoni.”.

Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat jipprovdu espressament għall-possibilità li tintuża xi flessibilità fl-għażla taż-żoni eliġibbli għall-għajnuna reġjonali jekk jintlaħqu t-tliet kondizzjonijiet li ġejjin:

- (i) Flessibilità fl-għażla taż-żoni m'għandhiex tfisser żieda fil-popolazzjoni koperta

L-Awtorità ssib li din il-kondizzjoni hija ssodisfata minħabba li ż-żoni esklużi mill-mappa fir-reġjuni b'densità baxxa tal-popolazzjoni, li mill-bidu jikkwalifikaw bħala tali, għandhom popolazzjoni ta' 445 006 abitant (ara tabella 1 hawn fuq). Iż-żoni inklużi fil-mappa bl-applikazzjoni tar-

regoli ta' flessibilità għandhom popolazzjoni ta' 374 739 abitant kif indikat fit-test taħt it-tabella 2 hawn fuq.

- (ii) Il-partijiet NUTS III li jikkwalifikaw għall-flessibilità għandu jkollhom densità tal-popolazzjoni ta' inqas minn 12.5 abitant għal kull kilometru kwadru

Il-partijiet NUTS livell III li jikkwalifikaw għall-flessibilità bid-densità tal-popolazzjoni rispettiva tagħhom huma dawn <sup>(10)</sup>: Østfold (6.0 abitant/km<sup>2</sup>), Buskerud (3.1 abitant/km<sup>2</sup>), Vest-Agder (6.0 abitant/km<sup>2</sup>), Rogaland (6.2 abitant/km<sup>2</sup>), Hordaland (5.9 abitant/km<sup>2</sup>), Møre og Romsdal (9.9 abitant/km<sup>2</sup>) u Sør-Trøndelag (4.1 abitant/km<sup>2</sup>).

L-Awtoritajiet isibu li l-kondizzjoni li l-partijiet NUTS III li jikkwalifikaw għall-flessibilità għandu jkollhom densità tal-popolazzjoni ta' inqas minn 12.5 abitant għal kull kilometru kwadru hija ssodisfata.

- (iii) Il-partijiet NUTS III għandhom ikunu kontigwi mar-reġjuni NUTS III li jissodisfaw it-test ta' densità baxxa tal-popolazzjoni

Il-partijiet NUTS III li jikkwalifikaw għall-flessibilità (Østfold, Buskerud, Vest-Agder, Rogaland, Hordaland, Møre og Romsdal, Sør-Trøndelag) huma kontigwi mar-reġjuni NUTS III li jissodisfaw it-test tad-densità baxxa tal-popolazzjoni (Hedmark, Oppland, Telemark, Aust-Agder, Sogn og Fjordane, Nord-Trøndelag, Nordland, Troms u Finnmark) kif jidher fil-mappa ġeografika taż-żoni proposti għall-għajnuna reġjonali mehmuża fl-Anness 1 ma' din id-Deċizzjoni <sup>(11)</sup>.

B'hekk, il-muniċipalitajiet ssib li din il-kondizzjoni hija ssodisfata.

Fl-aħħarnett, il-kopertura totali tal-popolazzjoni ta' 27,5 % proposta bħala eliġibbli mill-awtoritajiet Norveġiżi ma taqbiżx il-limitu tal-popolazzjoni nazzjonali ta' 28,08 % stipulat fil-Kapitolu 25.B.3.3.1 <sup>(12)</sup>. L-Anness 2 ma' din id-deċizzjoni juri l-muniċipalitajiet kollha proposti eliġibbli għall-għajnuna reġjonali mill-awtoritajiet Norveġiżi.

## 2.2 Limiti ta' l-għajnuna

L-awtoritajiet Norveġiżi pproponew limiti ta' għajnuna massima ġenerali għaż-żoni kollha koperti mill-mappa ta' l-għajnuna reġjonali ta' 15 % GGE għall-impriżi l-kbar b'żieda ta' 10 % għall-impriżi ta' daqs medju u ta' 20 % għall-impriżi ż-żgħar.

<sup>(10)</sup> Ara tabella 3 fuq.

<sup>(11)</sup> Il-muniċipalitajiet ta' Aremark, Rømskog u Marker (li jinsabu fir-reġjun NUTS livell III ta' Østfold) anke jekk mhux strettament kontigwi mal-bqija tal-mappa taż-żoni assistiti ġew inklużi minħabba li d-distanza bejn dawn il-muniċipalitajiet u r-reġjun NUTS livell III ta' Hedmark hija inqas minn 10 kilometri u minħabba li d-densità tal-popolazzjoni f'dawn il-muniċipalitajiet hija baxxa ħafna (medja ta' 6 abitant /km<sup>2</sup>). Il-popolazzjoni totali f'dawn il-muniċipalitajiet hija ta' 5 331. %

<sup>(12)</sup> Paragrafu (21).

Dan l-approċċ huwa skond it-termini tal-Kapitolu 25.B.4.1.2 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat <sup>(13)</sup> li jipprovdi: “*Ir-reġjuni b'densità baxxa tal-popolazzjoni (li jikkorrispondu ma' NUTS livell III jew iżgħar) u r-reġjuni jew il-partijiet NUTS-III li jaqsmu fruntiera ta' l-art ma' pajjiż li mhux Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew ta' l-EFTA, huma dejjem eliġibbli għal intensità ta' l-għajnuna ta' 15 % GGE*”.

Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat <sup>(14)</sup> jipprovdu wkoll li “*fil-każ ta' għajnuna mogħtija lil impriżi ta' daqs żgħir u medju, il-limiti fis-Sezzjoni 25.B.4.1.2 (ara paragrafu (37) hawn fuq), jistgħu jiżdedu b'20 % GGE għall-għajnuna mogħtija lill-impriżi żgħar u b'10 % GGE għall-għajnuna lill-impriżi ta' daqs medju*”.

Għalhekk, l-Awtorità tikkonkludi li l-intensitajiet massimi ta' l-għajnuna ta' l-investiment reġjonali, kif propost mill-awtoritajiet Norveġiżi, huma skond il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat.

### 3. Ambitu tad-deċiżjoni u kumulazzjoni ta' l-għajnuna

Il-mappa tar-reġjuni meġhuna fil-prinċipju tapplika mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013. Madankollu, din tista', kif ipprovdut fil-Kapitolu 25.B.7 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat <sup>(15)</sup>, tkun suġġett għal eżami f'nofs il-mandat fl-2010.

Id-deċiżjoni ma tillimitax il-poteri ta' l-Awtorità biex teżamina l-mappa skond l-Artikolu 1(1) f'Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti jekk ikun neċessarju qabel it-tmien tal-perjodu msemmi hawn fuq.

L-awtoritajiet Norveġiżi huma mfakkra li meta japplikaw l-iskemi ta' l-għajnuna reġjonali għall-bini tal-vapuri, il-limitu ta' l-għajnuna ta' 12,5 % għar-reġjuni ta' l-Artikolu 61(3)(c) ma jistax jinqabeż, skond il-Kapitolu 24.B.3.3.6 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat <sup>(16)</sup> b'rabta mal-Kapitolu 24.B tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat.

Il-limiti ta' l-għajnuna proposti huma kumulattivi, jiġifieri jirreferu għal-limitu superjuri għall-għajnuna ta' l-investiment reġjonali mis-sorsi pubbliċi kollha mogħtija lil proġett ta' l-investiment partikolari.

Barra dan, l-għajnuna għall-investiment reġjonali m'għandhiex tiġi kumulata b'appoġġ *de minimis* ta' l-istess spejjeż eliġibbli biex jiġu evitati l-intensitajiet massimi ta' l-għajnuna stipulati fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat.

Kwalunkwe skema ta' l-għajnuna reġjonali li mhix is-suġġett ta' eżenzjoni ta' kategorija u li tidħol fis-seħħ wara l-31 ta' Diċembru 2006 għandha tiġi nnotifikata lill-Awtorità skond l-Artikolu 1(3) fil-Parti I ta' Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

Barra dan, l-awtoritajiet Norveġiżi għandhom iżommu f'moħħhom li, skond il-Kapitolu 25.B.8 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat, kwalunkwe skema ta' l-għajnuna li tinkludi għajnuna għall-investiment li għandha tingħata wara l-31 ta' Diċembru 2006 għandha, jekk ma tkunx is-suġġett ta' eżenzjoni ta' kategorija, tiġi emendata kif meħtieġ u nnotifikata lill-Awtorità skond l-Artikolu 1(3) fil-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

### 4. Konklużjonijiet

Il-mappa nnotifikata taż-żoni meġhuna tirrifletti r-rekwiżiti stipulati fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. L-Awtorità tista' tapprova l-mappa tar-reġjuni eliġibbli għall-għajnuna taħt l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

L-Awtorità ddeċidiet li tapprova l-proposta għal mappa ta' żoni meġhuna u l-intensitajiet massimi ta' l-għajnuna fin-Norveġja kif innotifikat lill-Awtorità b'ittra datata t-12 ta' Ġunju 2006. L-Anness 1 għal din id-deċiżjoni, li turi l-mappa ta' għajnuna reġjonali tan-Norveġja għall-2007 sa l-2013, jifforma parti sħiħa mill-Kapitolu 25.B tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. L-Anness 2 għal din id-deċiżjoni jelenka l-muniċipalitajiet kollha eliġibbli għall-għajnuna reġjonali.

#### Artikolu 2

Bla ħsara għall-Artikolu 1(1) f'Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, il-mappa taż-żoni eliġibbli għall-għajnuna ta' l-investiment reġjonali għandha tkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

#### Artikolu 3

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Norveġja.

#### Artikolu 4

Il-verzjoni bl-Ingliż biss hi awtentika.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Lulju 2006.

*Għall-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA*

Bjørn T. GRYDELAND  
President

Kristján Andri STEFÁNSSON  
Membru tal-Kulleġġ

<sup>(13)</sup> Paragrafu (37).

<sup>(14)</sup> Paragrafu (38).


<sup>(15)</sup> Paragrafu (89).

<sup>(16)</sup> Paragrafu (26(c)).

ANNEX I

**Mappa ta' l-ghajjnuna reġjonali fin-Norveġja 2007-2013**

Kopertura demografika : 27,5 %



## ANNEX II

**Lista tal-muniċipalitajiet proposti bħala eliġibbli għall-ghajjnuna nazzjonali reġjonali mill-awtoritajiet Norveġiżi**

It-tabella hawn taħt turi l-muniċipalitajiet kollha proposti eliġibbli għall-ghajjnuna reġjonali mill-awtoritajiet Norveġiżi:

Provinċja	Muniċipalitajiet
Finnmark	Sør-Varanger, Båtsfjord, Unjárga-Nesseby, Deatnu-Tana, Berlevåg, Gamvik, Lebesby, Kárásjohka-Karasjok, Porsanger, Nordkapp, Måsøy, Kvalsund, Hasvik, Loppa, Alta, Guovda-geaidnu-Kautokeino, Hammerfest, Vadsø, Vardø
Troms	Kvænangen, Nordreisa, Skjervøy, Gáivuotna-Kåfjord, Storfjord, Lyngen, Karlsøy, Balsfjord, Lenvik, Berg, Torsken, Tranøy, Dyrøy, Sørreisa, Målselv, Salangen, Bardu, Lavangen, Gratangen, Ibestad, Bjarkøy, Skånland, Kvæfjord, Tromsø, Harstad
Nordland	Moskenes, Andøy, Sortland, Øksnes, Bø, Hadsel, Vågan, Vestvågøy, Flakstad, Værøy, Røst, Ballangen, Evenes, Tjeldsund, Lødingen, Tysfjord, Hamarøy, Steigen, Sørfold, Fauske, Saltdal, Beiarn, Gildeskål, Meløy, Rødøy, Træna, Lurøy, Rana, Hemnes, Nesna, Dønna, Hattfjelldal, Grane, Vesfn, Leirfjord, Alstahaug, Herøy, Vevelstad, Vega, Brønnøy, Sømna, Bindal, Narvik, Bodø
Nord-Trøndelag	Leka, Nærøy, Vikna, Flatanger, Fosnes, Overhalla, Høylandet, Grong, Namsskogan, Røyrvik, Lierne, Snåsa, Inderøy, Namdalseid, Verran, Mosvik, Verdal, Leksvik, Frosta, Meråker, Namsos, Steinkjer
Sør-Trøndelag	Tydal, Selbu, Midtre Gauldal, Holtålen, Røros, Meldal, Rennebu, Oppdal, Osen, Roan, Åfjord, Bjugn, Rissa, Agdenes, Ørland, Frøya, Hitra, Snillfjord, Hemne
Møre og Romsdal	Aure, Smøla, Halså, Rindal, Surnadal, Sunndal, Tingvoll, Gjemnes, Averøy, Eide, Aukra, Sandøy, Midsund, Nesset, Rauma, Vestnes, Haram, Stordal, Stranda, Norddal, Ørsta, Volda, Herøy, Sande, Vanylven, Kristiansund, Frei
Sogn og Fjordane	Flora, Gulen, Solund, Hyllestad, Høyanger, Vik, Balestrand, Leikanger, Sogndal, Aurland, Lærdal, Årdal, Luster, Askvoll, Fjaler, Gaular, Jølster, Førde, Naustdal, Bremanger, Vågsøy, Selje, Eid, Hornindal, Gloppen, Stryn
Hordaland	Masfjorden, Fedje, Modalen, Vaksdal, Austevoll, Samnanger, Kvam, Voss, Granvin, Ulvik, Eidfjord, Ullensvang, Odda, Jondal, Kvinnherad, Tysnes, Fitjar, Etne
Rogaland	Vindafjord, Utsira, Kvitsøy, Finnøy, Sauda, Suldal, Hjeme-land, Lund, Sokndal
Vest-Agder	Sirdal, Kvinesdal, Hægebostad, Audnedal, Åseral, Marnadal, Flekkefjord, Farsund
Aust-Agder	Risør, Gjerstad, Vegårshei, Tvedestrand, Åmli, Evje og Hornnes, Bygland, Valle, Bykle
Telemark	Notodden, Kragerø, Drangedal, Nome, Bø, Sauherad, Tinn, Hjartdal, Seljord, Kviteseid, Nissedal, Fyresdal, Tokke, Vinje
Buskerud	Nore og Uvdal, Rollag, Flesberg, Krødsherad, Sigdal, Hol, Ål, Hemsedal, Gol, Nes, Flå
Oppland	Dovre, Lesja, Sjak, Lom, Vågå, Nord-Fron, Sel, Sør-Fron, Ringebu, Gausdal, Søndre Land, Nordre Land, Sør-Aurdal, Etnedal, Nord-Aurdal, Vestre Slidre, Øystre Slidre, Vang
Hedmark	Kongsvinger, Eidskog, Grue, Åsnes, Våler, Trysil, Åmot, Stor-Elvdal, Rendalen, Engerdal, Tolga, Tynset, Alvdal, Follidal, Os
Østfold	Rømskog, Marker, Aremark